## HDEJN IĊ-ĊIMITERJU TA' L-ADDOLORATA F'NOVEMBRU

*Fis-sema l-qamar tala' mingħajr dija*
*W inħeba ġo sħabiet mill-lewn l-irmied;*
*U fost il-leħħ tal-beraq ġeġwiġija,*
*Jidwi r-ragħad ikarwat ġewwa l-wied.*

*Jinstama' leħen kiebi kollu mniegħed*
*Jaqsam id-dalma, jiġri kullimkien;*
*Tistħajlu ta' xi ruħ bla wens titniehed,*
*Tfittex, tgħarrex ħerqana bla waqfien.*

*Jibki ċ-ċipress fuq l-oqbra llum minsija,*
*Jibki fis-skiet fuq il-ħerba taż-żmien,*
*Għax qatt jiftakar ħena, jiem xemxija*
*F'dal-wied id-dmugħ igelben mingħajr tmiem.*

*Hawn hekk sultana l-mewt bil-minġel f'idha,*
*Qatt ma tintrebaħ, l-ebda bniedem ridha.*

T. CINI

## IT-'TITANIC'

*Hadmu l-azzar fil-forġa, fuq l-inkwina,*
*Qawwi għamlub, ix-xempju tal-kburija,*
*Bħalu qatt raw l-għajnejn tal-bniedem żina,*
*U bih għoxew u tawh bosta foħrija.*

*W insew lil min ħalaqhom, l-Id ħanina,*
*U faqqgħet dagħwa ħarxa wisq faħxija;*
*Alla għalihom għadab — ried jirvina,*
*U firex dell Idejh b' setgħa mogħnija.*

*Għalhekk amar liċ-ċpar f'liżar ikeffnu*
*U lis-silġ bagħat sabiex jaqsmu f' elf biċċa,*
*U bħal xi ġugarell il-baħar żeffnu:*

*U d-dlamijiet tal-Qilla nġabru miegħu;*
*Il-baħar difnu — fil-qiegħ tmermer, spiċċa;*
*Alla ried juri l-qawwa, il-kobor tiegħu.*

TARCISIO CINI